KLR 30/VI/2011

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ħamis 24 ta' Novembru 2011 fil-17.30.

PREŻENTI:- Is-Sindku, l-Av. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Marċel Tabone, il-membri Dr. Michael Portelli, Joseph Debrincat, Michel Buttiġieġ, Josef Schembri u Carmel Theuma u s-Seg. Eżekuttiv Miriam Attard.

Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**1. Rapport tal-Bord ta' l-għażla ta'l-offerta – *Publishing of a coffee table book about the City of Victoria***

Tressaq ir-rapport imħejji mill-bord ta' l-għażla għal din l-offerta. Il-membri qablu mar-rakkomandazzjoni tal-bord u l-kuntratt għandu jieħdu Fr. Charles Ċini SDB għan-nom tas-Salesjani ta' Don Bosco f'Malta. Qablu wkoll li għandhom isiru 3,000 kopja.

**2. Attivitajiet tal-Festi tal-Milied, *New Year in the City* u *Christmas Village***

Is-Seg. Eżekuttiv għarfet lill-membri li mill-iskema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2011/2012 għal *New Year in the City* u l-kunċert tal-Chorus Urbanus, il-Kunsill se jingħata l-ammont ta' €7,000. Il-membri qablu li jsir reklam ta' l-attivita' ta' l-aħħar tas-sena, fuq *back page* tal-programm li jinħareġ mit-Taqsima tal-Kultura. Dan jitqassam f'kull residenza f'Għawdex-għall-prezz ta' €400. Is-Sindku għarraf lill-membri li l-membri tal-Kunsill taż-Żgħażagħ ser jorganiżżaw *Christmas Carols* madwar it-toroq ċentrali tar-Rabat. Dan fl-aħħar jiem ta'qabel il-Milied.

Rigward l-istima għas-servizz tas-*sound* għall-attivita' ta'l-aħħar tas-sena, il-membri raw il-prezzijiet offruti skond dokument B anness. Is-Sindku għarraf lill-membri li skond il-*manger* tal-Winter Moods, The AV Warehouse, biss jilħqu l-i*specifications* mitluba fl-istima. L-istess Winter Moods evalwaw l-apparat li offra Ronnie Dimech, pero' l-konklużjoni tagħhom xorta hi li dan ma laħaqx dak li hu mitlub fit-*technical rider* tagħhom. Wara li l-membri raw il-korrispondenza kollha qablu li jintgħażel The AV Warehouse. F'din l-attivita' wara l-Winter Moods ser ikun hemm il-parteċipazzjoni ta' DJ Toby u Melanie Żammit u fi Pjazza San Ġorġ ser ikun hemm *bands* u kantanti lokali.

Skond dokument B anness ukoll, il-membri qablu li t-tinda l-kbira tinkera mingħand Leon Promotions. Dan kien l-unika wiehed li tefa' l-prezz tiegħu.

**3. *Launch* tal-ktieb - 50 sena mill-Kunsill Civiku**

Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Ġimgħa 16 ta' Diċembru 2011 fis-sala tal-Kunsill tar-Rabat, il-Kumitat Organizzattiv – 50 Sena Kunsill Ċiviku ta' Għawdex, ser jorganiżża il-*launch* tal-ktieb - 50 sena mill-Kunsill Ċiviku.

**4. Ġieħ il-Belt Victoria**

Is-Sindku għarraf il-membri li Mons.Revd Alfred Xuereb ser ikun f'Għawdex fis-7 ta' Diċembru 2011. Il-membri qablu li tiġi organiżżata serata li fiha tingħatalu l-Onoroefiċenza Ġieħ il-Belt Victoria. Għalhekk ser issir serata fis-Sentinella fiċ-Ċittadella fejn jingħata dan il-Ġieħ.

**5. Offerta tal-ġbir ta'l-iskart domestiku**

Tressaq ir-rapport rigward l-offerti mitfugħa biex jigi offrut is-servizz għall-ġbir ta' l-iskart orgnaniku. Dan skond dokument Ċ anness. Il-membri qablu li l-Kunsill jitlob lid-Dipartiment tal-Kuntratti sabiex ikun jista' jiġi negozjat il-prezz offrut mill-Koperattiva Ndafa Pubblika (Għawdex) peress li l-prezz offrut hu għola mill-allokazzjoni stabilita mid-Dipartiment fuq l-ammont li l-Kunsill jista' jonfoq għall-immaniġjar ta'l-iskart.

**6. Taċ-Ċawla H.E.**

Is-Seg. Eżekuttiv resqet ir-rapport tal-Perit rigward it-tieni offerta għal taċ-Ċawla H.E. li tirrigwardja it-tiswijiet fil-partijiet il-komuni tal-*blocks*. Dan skond dokument D anness. Il-membri qablu li l-offerta tingħata lil J. Portelli Projects u l-Perit għandu jintalab parir ta' kif trid tigi formulata l-ittra ta' aċċettazzjoni peress li fir-rapport tiegħu niżżel li ċertu rati ma kienux raġonevoli.

Dwar l-ewwel offerta għal-bankini f'taċ-Ċawla H.E. il-membri ġew magħrfa li Joseph Xiberras ġab l-ittra ta' l-avukat tiegħu li fiha hemm imniżżel li rtira l-oġġezzjoni.

**7. *Performace Bonus***

Is-Segretarju Eżekuttiv ħalliet il-kamra waqt id-diskussjoni ta' din l-item. F'dan il-ħin il-membri iddiskutew il-*performance bonus* ta' l-istaff tal-Kunsill. Il-membri qablu li l-istaff jingħata l-massimu ta' dan il-bonus. Dak tas-Seg. Ezekuttiv għandu jintbgħat lid-Dipartiment għal-Gvern Lokali għal approvazzjoni kif titlob il-liġi.

**8. Korrispondenza**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

8.1 Transport Malta (TM) fejn inħareg il-premess biex:-
8.1.1 isir *double yellow line* faċċata ta' 11, Triq Dun Pawl Micallef;
8.1.2 isiru l-*parking bays* fi Triq Santa Martha;
8.1.3 isir *double yellow line* fi triq Santa Dminka kantuniera ma Triq Manuel Dimech;

8.1.4 nħareg permess sabiex isir *one metre double yellow line* fuq iż-żewġ naħħat ta' garaxx fi Triq Pompei li s-sid tiegħu toqgħod 59, fl-istess triq. Il-membri oġġezzjonaw peress li minn naħa tal-Kunsill qatt ma saret talba uffiċċjali għal dan u billi maġenb dan il-garaxx hemm garaxx ieħor, m'hemmx għalfejn isir *double yellow line* fuq ix-xellug.

Mit-TM ma nħariġx il-permess sabiex:-
8.1.5 isir *un/loading* quddiem il-ħanut tal-merċa fi Triq Mons.Luiġi Vella;
8.1.6 isir parkeġġ ieħor fil-bidu ta' Triq Palma kantuniera ma Triq Repubblika. Il-membri qablu li ssir pjanta tal-Perit fejn ikun juri li jistgħu jidħlu tlett parkeġġi f'din il-parti tat-triq;

8.2 mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita' fejn intbagħat l-*Accessibility Audit* fuq l-applikazzjoni tal-Kunsill mal-MEPA - PA 1343/10 – *To establish a heritage trail including family recreationl park, restoring outer ditch curtain walls, soft landscaping and timber furniture;*

8.3 mid-Dipartiment għal-Gvern Lokali fejn intbgħatet informazzjoni fuq ir-riforma fis-sistema ta'l-infurzar lokali rigward il-Kummissarji. Dak ta' Għawdex hu Dott. Mario Scerri;

8.4 is-sidien ta' ħwienet fi Triq Ġorġ Borġ Olivier fejn iffirmaw petizzjoni li turi li qed joġġezzjonaw għall-proposta ta' *pedestrian crossing* f'din it-triq. Din il-petizzjoni ntbagħtet ukoll liċ-*Chairman* tat-TM;

8.5 Anthony Muscat rigward ilmenti fuq il-*bring in site* li hemm fi Triq iċ-Ċangar u fuq il-piċċ tal-boċċi ta' Triq it-Tabib Anton Tabone;

8.6 il-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq dwar korrispondenza fuq Triq Wistin Camilleri. Dan il-kumitat wera għalfejn Triq Ġuzeppi Spiteri ma tistax tinbidel għal Triq Wistin Camilleri. Kopja ta' din l-ittra għandha tintbgħat lill-Kav. Paul Camilleri Cauchi;

8.7 l-Onor. Anton Refalo fejn talab laqgħa mal-membri tal-Kunsill. Filfatt il-membri attendew għal din il-laqgħa li saret il-Ħamis 10 ta' Novembru 2011;

8.8 is-surmast Joseph Grech għan-nom ta' The Gozo Youth Wind Band and Orchestra fejn talab għajnuna finanzjaraja għall-kunċert li ser isir f'Lulju 2012. Billi dan imur kontra r-regolamenti tal-Kunsilli Lokali, il-membri ma'aċċettawx din it-talba;

8.9 Dolindo Cassar rigward is-suġġeriment ta' *bollard* fil-bidu ta' Triq Sant' Indrija. Is-Sindku ssuġġerixxa li jiltaqa' mas-Sur Cassar fuq il-post sabiex tinstab l-aħjar soluzzjoni biex ma jibqax ikun hemm ipparkjar illegali li jostakola l-entratura għal din it-triq;

8.10 Robert Tabone rigward l-*internal audit* fuq il-proġett ta' Pjazza San Ġorġ. Hu qal li ma jħossx li għandu għalfejn jilqa' l-istedina tal-Kunsill sabiex il-Perit imqabbad mil-Kunsill jitlaqa' miegħu. Dan wara li staqsa lid-Direttur għal Gvern Lokali jekk mid-Dipartiment ġiex ordnat *internal audit* fuq dan il-proġett. Minn naħħa tad-Dipartiment, il-*monitoring unit*, kienet taf li konna qed niġu nvestigati fuq id-dawl, pero' ma ġiex ordnat *internal audit*. Ta'min jinnota li l-Kunsill kien unanimament qabel li jsir dan l-*audit* fil-laqgħa datata 24 ta'Lulju 2009. Il-Kunsill

għandu l-fakulta kollha li jitlob *internal audit* fuq proġetti u affarijiet tiegħu stess u fl-ebda' mument u fl-ebda' mod ma nagħtat l-impressjoni li dan hu *audit* tad-Dipartiment għal Gvern Lokali. It-talba sabiex Robert Tabone jiltaqa' mal-Perit saret wara li l-istess Perit ħass li għandu jgħamel dan.

**9. Materji oħra**

Il-membri qablu li:-

9.1 jinħareġ il-permess ta' *one day event* sabiex tiġi organiżżata attivita' quddiem G&R Supermarket fi Triq Kapuċċini nhar is-Sibt 3 ta' Diċembru 2011 mill-17.00 –il quddiem;

9.2 jitnadfu u jinħartu s-*soft areas* fil-*playing field* ta' Triq Taħt Putirjal għall-prezz ta' €295 VAT inkluża. Dan il-prezz intalab lil TC Cleaning (Nicholas Żammit) li hu l-kuntrattur tat-tindif tat-toroq;

9.3 tintbagħat korrispondenza lill-Ministru Tonio Fenech rigward l-esproprijazzjoni ta' art fi Triq il-31 ta' Marzu 1979. Dan sabiex tingħata l-attenzjoni meħtieġa u li l-proċess jiġi finaliżżat mill-aktar fis possibli. Kopja ta' din il-korrispondenza għandha tintbagħat lill-Ministru għal Għawdex u lis-Segretarju Parlamentari ta'Artijiet;

9.4 wara li ntbgħat il-permess għaż-żbir tal-palm mill-Ministeru għar-Riżorsi u affarijiet Rurali, il-membri qablu li jinżabar il-palm f'taċ-Ċawla H.E. u s-siġra tal-palm fil-wied tal-Lunzjata;

9.5 titranġa l-bankina quddiem Bellusa Bar fi Pjazza Indipendenza peress li fiha parti perikoluża;

9.6 jiġu ordanti żewġ pitturi migħand il-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi ta' l-Isqof Pietru Pace u ta' Sir Adrian Dingli mingħand George Scicluna;

9.7 titkompla l-bankina tul ta'żewġ metri fi Triq iċ-Ċangar;

9.8 jinbidel il-ħadid ta' fuq il-*water culverts* ta' Triq Palma peress li huma perikolużi għal minn ikun għaddej b'*wheel chair* jew *push chair*;

9.9 tintbagħat korrispondenza lill-Gozo Philatelic Society rigward il-ktieb li ħarġu – Gozo The Isle of Joy on Stamps. Il-Kunsill qed joġġezzjona minħabba li l-parti tar-Rabat ġiet stampata fl-aħħar nett wara ta'l-iriħula u l-*hamlets* kollha.

9.10 Is-Sindku għarraf lill-membri li kellu laqgħa fuq il-post fil-Wied tal-Lunzjata ma'l-Engineer ta'l-Enemalta, Josephine Vella, Renzo Curmi bħala *contracts manager* tad-dawl u Gordon Vella bħala Perit imqabbad mill-Kunsill. Dan ta' l-aħħar ser iħejji *survey* tal-post sabiex finalment l-*area* tiġi *upgraded*. L-enemalta lesta li tgħaddi l-*cables* tad-dawl kollha minn taħt l-art u t-trinka ssir minn naħħa tal-Kunsill. Il-membri qablu. Qablu wkoll li l-*area* tiġi miksija

b'pavimentar addattat u jsir dawl u *railing* kif suppost. Għandha ssir applikazzjoni għal-fondi ta' l-Urban Improvement Fund. Dan permezz tal-Perit Gordon Vella.

Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-membri li:-

9.11 ntalab lit-Taqsima tal-Kultura sabiex jiġu mislufa t-tined għall-attivita' ta'l-aħħar tas-sena, pero' dawn ma jistgħux jiġu mislufa peress li tqattgħu. Ta'min jinnota li l-Kunsill kien ħallas għal *canvas* ta' dawn it-tined;

9.12 ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-Premijiet Nazzjonali għal Appoġġ lill-Intrapriża 2011 li tirrgiwardja l-*Gand Tour of Taste*.

Il-laqgħa spiċċat fit-20.30.

| | |
|---|---|
| Dr. Samuel Azzoaprdi | Miriam Attard |
| Sindku | Seg. Eżekuttiv |